MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 78/2013

**Angelo Bugeja u martu Carmen Bugeja**

**Vs**

**Emanuel Stellini**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi kkonfermaw:

1. Illi r-rikorrenti lhom ghal snin twal (perjodu ta' cirka tnejn u tletin sena) jokkupaw u jahdmu zewgt ihbula mir-raba' f'Qasam San Gorg (fil-limiti tar-Rabat u ta' Santa Lucija, Ghawdex) ta' kejl superficjali ta ftit inqas minn tomnejn.

2. Illi dan ir-raba' kien imqabbel lil Joseph Stellini (illum defunt), missier ir-rikorrenti Carmen Bugeja u l-intimat Emanuel Stellini mill-poter ta' (illum defunt) Marcell Mizzi.

3. Illi l-imsemmi (illum defunt) Joseph Stellini kien ghadda lir-rikorrenti l-pusses ta' dawn iz-zewg hbula madwar tnejn u tletin (32) sena ilu u r-rikorrenti lhom jahdmu dan ir-raba' minn dak iz-zmien 'il hawn regolarment.

4. Illi r-rikorrenti Carmen Bugeja dejjem kienet tghaddi lil missierha u, wara l-mewt tieghu, lil ommha l-hlas tas-sehem taghha mill-qbiela tar-raba' in kwistjoni.

5. Illi di ricenti l-intimat inkariga lil certu Joseph Bugeja (imlaqqam 'il-Masiku') biex jidhol fir-raba' li jahdmu r-rikorrenti u jahartu.

6. Illi in dizimpenn tal-inkarigu lilu moghti mill-intimat l-imsemmi Joseph Bugeja ('il-Masiku') warrab min-nofs l-ispeci ta' xatba maghmula mill-*pallets* li r-rikorrenti ghandhom fl-entratura ta' din l-ghalqa u pproceda biex harat din l-ghalqa u harbat ix-xtieli tat-tadam li kien hemm mizrugh fl-imsemmija ghalqa u li kien qed jaghti l-ahhar frott.

7. Illi permezz ta' dan l-agir tieghu l-intimat ikkommetta spoll vjolenti, klandestin u ricenti ghad-dannu tar-rikorrenti.

8. Illi r-rikorrenti skoprew dan fis-17 ta' Settembru, 2013 u dakinhar stess ghamlu rapport dwar dan l-akkadut fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex u billi jissusistu l-elementi kollha mehtiega skont

il-ligi sabiex ir-rikorrenti jressqu kawza ta′ spoll privileggjat huma qeghdin jaghmlu dan permezz tal-prezenti rikors guramentat.

9. Illi r-rikorrenti jafu personalment bil-fatti kif minnhom dikjarati.

Illi talbet li dina l-Onorabbli Qorti:

i. Prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara u tiddeciedi illi ricentement l-intimat ikkometta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrenti billi qabbad lil terza persuna biex jidhol fl-ghalqa detenuta u mahduma mir-rikorrenti konsistenti f′zewgt ihbula mir-raba′ f′Qasam San Gorg (fil-limiti tar-Rabat u ta′ Santa Lucija, Ghawdex) ta′ kejl superficjali ta′ ftit inqas minn tomnejn u harat l-imsemmija ghalqa;

ii. Tikkundanna u tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-istess Onorabbli Qorti jirripristina din ir-raba′ ghall-*istatus quo et ante* u jivvaka mill-imsemmi raba′ u jirrimetti l-pussess tal-istess a favur tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta′ Emanuel Stellini li ecepixxa:

i. Illi fl-ewwel lok ai termini tal-Artikolu 158 tal-Kap.12 il-konvenut jiddikjara illi huwa qed jikkontesta l-premessi kollha tal-atturi kif maghmula fir-Rikors Guramentat taghhom;

ii. Illi t-talbiet tal-atturi kif dedotti fir-Rikors Guramentat taghhom huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;

iii. Illi fil-fatt din l-azzjoni ma tistax tirnexxi peress illi ma jissustixxux l-elementi ta' spoll u cioe' il-*possidesse, spoliatum fuisse* u *infra bimestre deduxisse;*

iv. Illi l-konvenut ma kkommetta ebda spoll fil-konfront tal-atturi u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

Ghaldaqstant it-talbiet kollha tal-atturi ghandhom jigi respinti.

Bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat l-affidavits, xhieda, kontro-ezamijiet u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Jannar, 2015 l-kawza ntbaghtet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' lill-partijiet li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet f'terminu mpost mill-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>**Ikkunsidrat:**</u>

**Il-fatti:**

Illi l-fatti fil-qosor f'din il-kawza huma li l-atturi qed isostnu li ghal madwar tnejn u tletin (32) huma kienu jahdmu raba' li tikkonsisti

f'zewgt ihbula li tinsab fiz-zona maghrufa bhala f'Qasam San Gorg, limiti tar-Rabat u ta' Santa Lucija, Ghawdex. Huma jsostnu li baqghu jaghmlu dan sa Settembru, 2013 sakemm fis-17 ta' Settembru, 2013 marru fuq il-post u sabu r-raba mahruta u l-prodott li kellhom distrutt u saru jafu li kien haratha certu Joseph Bugeja maghruf bhala 'il-Masiku'. Huma saru jafu li dan ghamel hekk fuq inkarigu ta' hu l-attrici Emanuel Stellini. Min-naha tieghu Emanuel Stellini ma jichadx li ohtu kienet tahdem l-ghalqa flimkien ma' zewgha izda skont hu kien biss bi pjacir tieghu, jghid li din ilha snin twal imqabbla lilu u li l-ktieb tar-raba' jinsab f'idu u li skont hu, hu kien jahdimha flimkien ma' ohtu. Huwa ma jikkontestax li qabbad lil Joseph Bugeja biex jahrat ir-raba' izda jghid li dan ghamlu wara li huwa avza lil ohtu bil-miktub biex ma tibqax tokkupa l-art. Skont hu dan l-istess Joseph Bugeja kien gia harat din l-ghalqa drabi ohra.

L-atturi f'din il-kawza qed jitolbu li jigu re-integrati fil-pussess tar-raba in kwistjoni ad eskluzjoni tal-konvenut filwaqt li l-konvenut isostni li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, li ma jissussistux l-elementi ta' spoll u li huwa ma kommetta l-ebda spoll.

**Aspetti Legali:**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Schembri et vs Mario Fenech et** deciza fid-19 ta' Jannar, 2009 (Citazz. Nru: 687/06FS) dwar l-elementi tal-ispoll inghad kif isegwi:

'Fl-ispoll, tliet elementi huma necessarji:

I. Pussess materjali – ***Possedisse***

II. L-att ta' spoll jew molestja – ***Spoliatum fuisse***

III. L-azzjoni ssir fi zmien xahrejn – ***infra bimestre deduxisse***.'

Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fis-6 ta' Ottubru

2000, fl-ismijiet **Buttigieg Paul vs Buttigieg Raymond** inghad kif isegwi:

'Hu wkoll pacifiku illi elementi essenzjali biex l-azzjoni ta' spoll privileggjat tkun tista' tregi huwa l-pussess da parti tal-ispoljat, il-prova li jkun sehh l-att spoljattiv ta' dak il-pussess vjolenti jew klandestin da parti ta' l-ispoljant u li l- azzjoni tkun giet intavolata mill-ispoljat fi zmien xahrejn minn mindu jkun gie kommess l-att spoljattiv."

(i) L-ewwel element huwa **l-pussess** ta' l-oggett spoljat jista' jkun ta' liema natura jkun. Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-27 ta' Frar 1946, fl-ismijiet **Salvatore Abela vs Giuseppe Barbara**[1] inghad kif isegwi:

'ma ghandux jitqies hlief il-pussess jew detenzjoni tal-ispoljat u l-ispoll ta' l-ispoljatur'.

Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri Civili fl-ismijiet **Julie Mazzitelli noe et vs Charles Spiteri et**, deciza fis-27 ta' Frar 2003 gie dikjarat kif isegwi:

'Huwa minnu li f'azzjoni possessorja l-indagini li trid taghmel il-Qorti ghandha tkun limitata ghall-fatt tal-pussess u ghall-fatt tal-ispoll u l-ebda indagini ohra ma hija permessa...'.

Ghalhekk jinkombi fuq l-attur li jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess ta' l-oggett spoljat, izda tali pussess m'hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjeta' jew servitu', izda anke purament materjali jew *di fatto*, izda mhux ta' mera tolleranza.[2] L-istess principju gie ribadit ukoll fis-sentenza ta' l-Appell fl-ismijiet **Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut** tad-19 ta' April 1999, fejn l-istess Qorti ta' l-Appell sostniet:

'L-attur kellu jipprova b'mod konklussiv li kellu "un possesso di fatto",

---

[1] Ara vol XXXII-II-238Il.

[2] Ara **Joseph Vassallo Gatt noe vs Joseph Camilleri proprio et noe –** Appell Civili – 26 ta' Jannar 1996, u **Annetto Xuereb Montebello et vs Paolin Magri et –** Appell Civili – 19 ta' Gunju 1953.

u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l- azzjoni.'

Ghalhekk fl-artikolu 791 (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u d-dottrina legali ma jippermettux f'kawza ta' din ix-xorta hlief eccezzjonijiet dilatorji minhabba l-iskop tat-tutela tal-pussess u f'dan ir-rigward hija ferm differenti mill-azzjoni petitorja fejn il-fondament u l-iskop taghha huma r-rikonoxximent u t-tutela tad-dritt.[3]

Il-ligi tikkontempla l-pussess materjali, kien liema kien u mhux il-pussess *animo domini*, u l-konvenut f'kawza ta' reintegrazzjoni mhux lecitu li jinvestiga x-xorta ta' pussess ta' l-attur. Konsegwentement, ghal din l-azzjoni, il-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita' tal-pussess turbat, u takkorda r-reintegrazzjoni anke favur il-pussess in *mala fede*.[4]

Illi l-Artikolu 792(3) tal-Kap 12, jiddisponi li:

"Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll."

Hekk fil-kawza fl-ismijiet, **Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-12 ta' Gunju 1998, inghad kif isegwi:

'Il-ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma taghtix lok ghall-ebda ndagini ohra barra minn dak li tistabilixxi

(a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u

(b) il-fatt ta' spoll.

L-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitatissima, rigoruza u skarna. L-artikolu 791 (3) tal-Kap 12 jiddisponi: "Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad- detenzjoni, u l-fatt tal-ispoll.'

[3] Ara **Generoso Cutajar vs Emmanuele Cutajar**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 22 ta' Ottubru 1953.
[4] Ara **Maria Dolores Mifsud vs Michele Galea**, Appell Civili, 29 ta' Marzu 1957.

Fil-kawza **Mariano Farrugia et noe vs Peter Paul Cutajar** deciza mill-Prim'Awla fit-23 ta' Ottubru 1998 gie affermat illi:

'Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija ntiza 'unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss.'[5]

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Jannar 2008 fl-ismijiet **John Mary Schembri et vs Dominic Borg** inghad kif isegwi:

'F'dan il-kuntest, ta' min jaghmel differenza bejn pussess u mera tolleranza, stante li <u>mera tolleranza</u> ma tissodisfax l-ewwel rekwizit bhala element ta' spoll.'

Jigi nsenjat ukoll illi l-*actio spolii* hi wkoll konsentita bejn ko-possessuri u addirittura kontra l-komplici ta' l-awtur ta' l-ispoll u l-mandanti li jkunu nkarigawh. [6]

F'kawza ta' spoll il-konvenut ma jistax jeccepixxi l-legittimita' ta' l-att: Fil-kawza **Alfredo Delia vs Bonoventura Schembri et.** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Frar 1958, gie nsenjat kif isegwi:

'l-ispoljant ma jistax jirrispondi 'in difesa' li dak li ghamel kien att legittimu ghaliex l-indagini tal-legittimita' jew le hija rizervata ghall-gudizzju petitorju'.

Ukoll fil-kawza **Vincenza Sammut et vs Salvatore Camilleri**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Novembru 1952 intqal:

'f'materja ta' spoll ma tistax tigi permessa ebda eccezzjoni qabel ma jigi reintegrat l-ispoll ("spoliatus ante omnia restituendus")'.

Illi l-artikolu 535(1) tal-Kodici Civili jikkontempla azzjoni ta' ordni

[5] Ara wkoll **Margherita Fenech vs Pawlu Zammit,** Prim'Awla, 12 ta' April 1958; u **Francesco Busuttil vs Giocchino Scerri proprio et noe,** Prim'Awla, 14 ta' Marzu 1997.

[6] Ara **G. Caruana vs A. Caruana**, deciza mill-Prim'Awla tal- Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 1984 u **Vol XXVIII-I-188**; **Vol XXXII-I-451**.

pubblika bazata fuq l-ezigenzi ta' utilita' socjali ntiza ghall-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u bl-iskop li hadd ma jiehu l-gustizzja b'idejh.[7]

(ii) It-tieni element li jrid jigi ppruvat huwa **l-*actio spolii*** u cioe' li l-atturi effettivament gew spoljati mill-pusess taghhom tal-haga in kwistjoni. Illi huwa tacitu fil-gurisprudenza illi hu bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens, espress jew tacitu, ghal min isofri l-ispoll.[8]

Illi ghandu jigi rilevat li l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll kien arbitrarju u kontra l-volonta` tal-pussessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att.[9]

Fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-2 ta' Dicembru, 1955 fil-kawza fl-ismijiet **Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott** [10] inghad kif isegwi:

'Sabiex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit ma hemmx bzonn il- ***'vis atrox',*** cioe' xi vjolenza fizika jew morali fuq il-persuna tal-possessur, imma bizzejjed il-vjolenza fuq il-haga; liema vjolenza tavvera ruhha jekk l-opera spoljatrici tkun saret kontra l-kunsens tas-sid.....'

Ezempji ta' tali komportament da parte ta' l-ispoljatur huma atti bl-iskop li wiehed jimpedixxi l-liberu ezercizzju tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet dimunizzjoni tal-pussess, jew hsara lil min isofri l-ispoll.[11]

(iii) It-tielet element hu li l-azzjoni tkun giet proposta **entro t-terminu ta' xahrejn** mill-att spoljattiv *infra bimestre deduxisse.* Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Frar 1992 fl-ismijiet **Michelangelo Fenech noe vs Alfred Camilleri** inghad:

'It-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu

[7] Ara **Fenech vs Zammit**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' April 1958.
[8] Ara **Carmelo Rosario Dimech vs Antonia Fenech et**, Prim' Awla, 26 ta' Jannar 1957, u **Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott,** Appell Civili, 2 ta' Dicembru 1955
[9] Ara **Joseph Vella vs Salvu Micallef** deciza mill-Prim'Awla fit-30 ta' April 1991.

[10] Vol. XXXIX-I-320.
[11] Vol. XLI-II-1129.

huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur.[12]

**Rizultanzi tal-provi fl-atti:**

**Illi ghall-fini ta' kjarezza u sabiex jigu evitati ekwivoci jigi rilevat li l-Qorti sabet li fl-atti jezistu zewg settijiet ta' pagni diversi mmarkati bin-numri '65' sa '96' kontenenti provi kompletament diversi minn xulxin ghalhekk fuq inizjattiva tal-Qorti t-tieni sett bl-istess numri '65' sa '96' gie mmarkat bl-ittra A wara kull numru sabiex dawn ikunu jistghu jigu identifikati.**

Il-pussess:

Illi mill-provi mressqa quddiem din il-Qorti fil-kaz odjern, il-Qorti tqis li l-atturi stabbilew li huma kellhom il-pussess ta' l-art in kwistjoni u dwar dan il-Qorti taghmel referenza ghall-provi segwenti:

1. L-affidavits ta' Angelo Bugeja (fol. 12 et seq) u martu Carmen Bugeja (a fol. 15 et seq) fejn jikkonfermaw li r-raba' in kwistjoni kienet ilha tinhadem minnhom ghal snin twal wara li kienet inghatat lilhom minn missier l-istess Carmen Bugeja. Jikkonfermaw ukoll li kienu ghadhom jaghmlu hekk sad-data tas-17 ta' Settembru 2013 meta sabu l-ghalqa mahruta minn terza persuna certu Joseph Bugeja. Jikkonfermaw ukoll li kienu jaghmlu diversi prodotti f'din ir-raba u li darba fis-sena fi zmien Santa Marija kienu jqabbdu lil certu Toni Cassar li ghandu r-raba vicin

[12] Ara wkoll f'dan is-sens **Dr. Victor Sultana vs Carmelo sive Charles Gafa`** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fis- 26 ta' Mejju 1998.

taghhom sabiex jahrat ir-raba in kwistjoni. Fl-affidavits ulterjuri taghhom a fol. 92 u 93 jichdu b'mod kategoriku li l-konvenut Emanuel Stellini qatt hadem ir-raba in kwistjoni. Il-verzjoni taghhom tibqa' sostnuta anki fil-kontro-ezami estensiv tal-attrici a fol. 101 et seq tal-process.

2. L-affidavits ta' Audrey Anne Bugeja (fol. 17 et seq) u ta' Marisa Bugeja (fol.19 et seq) tal-process, ulied l-atturi, li wkoll jikkonfermaw li sa minn meta kienu zghar jafu lill-genituri taghhom jahdmu din ir-raba' anki ghaliex kienu jkunu spiss maghhom fuq il-post. Jikkonfermaw ukoll il-prodotti li kienu jiehdu minn din l-ghalqa u li dawn kienu ghall-iskop tal-uzu tal-familja. Jikkonfermaw in oltre li kien Toni Cassar li kull sena kien jahrat din l-ghalqa fuq talba tal-genituri taghhom. Fl-affidavits ulterjuri taghhom a fol. 91 u 95 tal-process dawn ukoll jichdu b'mod kategoriku li l-konvenut Emanuel Stellini qatt hadem ir-raba' in kwistjoni. Dan huwa korroborat ukoll mix-xhieda ta' hu l-attrici u l-konvenut a fol. 94 tal-process.

3. Mix-xhieda ta' George Stellini a fol. 21 et seq tal-process li jigi hu l-attrici u l-konvenut, johrog car li certament sa Marzu, 2013 ir-raba' in kwistjoni kienet tinsab fil-pussess tal-atturi ghaliex waqt laqgha li saret bejn l-ahwa ix-xhud sema' lil Emanuel Stellini jghid l-ohtu l-attrici sabiex ma tibqax tahdem ir-raba' in kwistjoni u hija kienet irrifjutat. Ix-xhud jikkonferma dan kollu anki waqt il-kontro-ezami tieghu a fol. 151 et seq tal-process. X'gara tul il-laqgha msemmija gie wkoll konfermat u korroborat mix-xhieda tal-Avukat Renata Formosa a fol. 182 et seq tal-process. Fil-fatt meta giet mistoqsija x'kienet irrispondiet l-attrici meta Emanuel Stellini qalilha sabiex tohrog mill-ghalqa hija:

'qaltlu speci mhux ha nohrog, ibghatli, iktibli. Aghmel li ghandek taghmel.'

Zgur li dan il-kliem ma jistax jinftiehem li b'xi mod l-attrici rrinzunjat ghad-drittijiet taghha, huma x'inhuma, fuq l-art in kwistjoni. Tant l-atturi ma rrinunzjawx ghad-drittijiet taghhom li wara dik il-laqgha komplew jahdmu r-raba in kwistjoni u sa Settembru 2013 kellhom ix-xtieli tad-tadam fihom u kienu ghadhom qed jaqtghu l-istess prodott ghall-bzonnijiet taghhom[13].

4. Ix-xhud Anthony Cassar a fol. 41 et seq tal-process jikkonferma li huwa l-gar tar-raba in kwistjoni u li l-atturi kienu jqabbduh jahrat din ir-raba lejn nhar ta' Santa Marija kull sena. Jikkonferma wkoll li huwa ghal snin twal kien jara lill-atturi u l-familjari taghhom fir-raba u mhux lil Emanuel Stellini.

5. Mix-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Artijiet Carmel Theuma a fol. 73 et seq u 75 A tal-process kif ukoll mill-kontro-ezami rrizulta li ghal diversi snin l-atturi applikaw ghas-sussidju fuq il-prodott tar-raba in kwistjoni u sabiex ghamlu dan iddikjaraw bil-gurament li kienu huma cioe' l-attur Angelo Bugeja, li qed jahdmu r-raba in kwistjoni. Min-naha l-ohra hareg mill-istess xhud li l-konvenut kien xi drabi applika ghas-sussidju fuq il-hitan tas-sejjieh izda dan bl-ebda mod ma jevidenzja l-pussess tieghu tar-raba' in kwistjoni.

6. Illi fuq kollox il-konvenut stess mill-mod kif iddefenda l-kaz tieghu fl-ebda hin ma nnega li ohtu u r-ragel taghha cioe' l-atturi kellhom il-pussess tar-raba in kwistjoni sakemm huwa ddecieda li jqabbad lill-Joseph Bugeja sabiex ghan-nom tieghu u minghajr ma nforma lill-atturi jahrat ir-raba. Dan sahansitra johrog car ukoll minn kliem l-Avukat tieghu fl-ittri mibghuta lill-atturi u esebiti fil-process. Fl-ittra a fol. 322

[13] Ara l-affidavits tal-atturi a fol. 12 u 15 tal-process kif ukoll konfermat minn diversi xhieda ohra fl-atti.

tal-process liema ittra ma jirrizultax li ntbaghtet minghajr pregudizzju l-konvenut bla ebda tlaqliq jghid lill-attrici kif isegwi:

'Inkarigata niktiblek mill-klijent tieghi Emanuel Stellini ta' Villa Stellini, Bir-Rix Street, Santa Lucija u nirreferi ghall-okkupazzjoni taghkom tar-raba' li tinsab f'Qasam San Gorg. Peress illi nqast mill-ftehim li kien hemm bejnietkom, b'din l-ittra qed tigi nformata illi il-klijent tieghi ser jerga' jiehu f'idejh din ir-raba u ghalhekk ma ghandekx terga' tidhol fiha.'

Minn kliem l-ittra suespost li hija datata 29 ta' Awissu 2013 ghalhekk jirrizulta car li sa dak in-nhar il-konvenut stess kien qed jirrikonoxxi li kienu l-atturi li kienu qed jokkupaw din ir-raba. Sahansitra jpoggiha iswed fuq l-abjad li kien behsiebu jiehu l-ligi b'idejh u jokkupa r-raba' in kwistjoni minghajr il-kunsens tal-atturi. Jirrizulta li sad-data tas-17 ta' Settembru, 2013 l-atturi kienu ghadhom qed jippretendu li l-okkupazzjoni tar-raba in kwistjoni kienet taghhom kif dikjarat fl-ittra responsiva ghal dik tal-konvenut datata appuntu 17 ta' Settembru, 2013 (fol 324) fejn jinghad kif isegwi:

'Ghaldaqstant il-klijenta tieghi ghandha kull dritt skont il-ligi li tkompli tokkupa u tahdem dan ir-raba'.

Huwa evidenti li din l-ittra waslet lill-konvenut wara li huwa kien gia qabbad lit-terz jahrat ir-raba in kwistjoni stante li kien dak in-nhar stess tas-17 ta' Settembru, 2013 li l-atturi skoprew r-raba' kienet giet mahruta.

Il-konvenut stess a fol. 203 tal-process jikkonferma kif isegwi:

'Nispjega li huwa minnu li f'xi zmien ohti, l-attrici u r-ragel taghha kienu hadmu ir-raba pero' dan dejjem ghamilnieh flimkien u dejjem dahlet f'din ir-raba bil-kunsens u bil-pjacir tieghi. Ma kienet thallas xejn la lili u lanqas lil Marcell Mizzi. Ghalhekk sa fejn naf jien ohti kienet hemm bi pjacir tieghi biss.'

Il-Qorti tifhem ghalfejn il-konvenut intavola din is-sentenza fl-affidavit tieghu b'dan il-mod u dan sabiex jippova jaghti x'jifhem li l-atturi kienu qed jokkupaw ir-raba b'mera tolleranza. Izda dan ma jirrizulta minn imkien iehor fl-atti tal-kawza. Anzi mill-assjem tal-provi jirrizulta li tista' tghid kien accettat minn kull min kien midhla tar-raba' in kwistjoni li din ir-raba' kienet tinhadem u kienet f'idejn l-atturi. Minn naha taghhom l-atturi tul il-proceduri kollha sostnew bil-qawwa kollha li huma qatt ma kellhom x'jaqsmu ma' Emanuel Stellini ghal dak li jirrigwarda r-raba in kwistjoni u din il-Qorti hija konvinta mill-versjoni moghtija mill-atturi anki ghaliex hija korroborata minn xhieda ohra fosthom hu l-attrici George Stellini li jikkonferma l-versjoni tal-atturi li meta mietet omm l-attrici u l-konvenut l-ahwa lanqas biss kienu thadtu fuq ir-raba' li kien f'idejn l-attrici ghaliex kulhadd kien jaf li dik kien tahula missierha.[14] L-ircevuti ffirmati minn omm il-partijiet esebiti fl-originali taghhom a fol. 326 tal-process ukoll jikkorroboraw favur il-versjoni tal-atturi.

Illi minn dak suespost u mill-bqija tal-provi fl-atti li din il-Qorti fliet bir-reqqa, il-Qorti ma tqisx li ghandha ghalfejn tmur oltre stante li hija moralment konvinta li l-pussess tar-raba' u cioe' zewgt ihbula mir-raba' f'Qasam San Gorg fil-limiti tar-Rabat u ta' Santa Lucija, Ghawdex u li hija ndikata fis-*site plans* a fol. 81 u 82 tal-process sad-data tas-17 ta' Settembru, 2013 kien f'idejn l-atturi u li sa dak in-nhar mhux minnu li l-konvenut kien b'xi mod jahdem jew jersaq lejn l-istess raba'. Ghalhekk tqis li l-element tal-pussess da parti tal-atturi gie sufficjentement pruvat.

[14] Ara l-kontro-ezami ta' George Stellini a fol. 151 et seq tal-process.

<u>L-att spoljattiv:</u>

L-atturi jilmentaw li l-att spoljattiv kien jikkonsisti li l-konvenut qabbad lil certu Joseph Bugeja mlaqqam bhal 'il-Masiku' sabiex jahrat l-ghalqa u sabiex ghamel dan, l-istess Joseph Bugeja ressaq il-'pellets' li kienu jintuzaw bhala 'gate' ghar-raba' in kwistjoni u ddistrugga dak li kien baqa' mix-xitel tat-tadam prezenti fl-istess raba'. Mhux kontestat mill-partijiet li fil-fatt Joseph Bugeja ghamel dan ix-xoghol. L-istess konvenut Emanuel Stellini fis-subizzjoni tieghu a fol. 83 et seq tal-process jikkonferma li kien hu stess li qabbad lil Joseph Bugeja jahrat ir-raba' in kwistjoni bhalma suppost ghamel hekk drabi ohra qabel. Mir-rapport li sar mal-Pulizija u li jinsab esebit a fol. 68 tal-process u mix-xhieda tal-istess PS 369 Joseph Mizzi a fol. 65 tal-process jirrizulta li l-istess Joseph Bugeja fit-18 ta' Settembru, 2013 ikkonferma mieghu li kien Emanuel Stellini li kien qabbdu jahrat ir-raba' in kwistjoni kif isegwi:

'Il-pulizija rnexxiela tkellem lil Joseph Bugeja ta' 44, Triq Santa Lucija, Santa Lucija limiti Kercem fejn qal li waqt li kien qed jahrat, gie Emanuel Stellini fuqu u qallu ghandi ghalqa ohra tahratili? Bugeja wiegeb li huwa qallu Iva. Meta haratielu, l-ghada giet Carmen Bugeja u qaltli 'Tidholx fil-ghalqa please' u wegibha li ma kienx ser jerga' jihdol u ma kienx jaf li kien hemm kwistjoni bejnha u bejn huha Emanuel. Meta mistoqsi jekk meta harat l-ghalqa, kienx hemm xtieli tad-tadam huwa wiegeb li kien hemm izda ma kienx fih frott hlief wahdiet 'il hawn u 'l hemm.' (fol. 72)

<u>L-element tax-xaharejn mill-att spoljattiv:</u>

Illi mill-atti facli hafna ghall-Qorti li tikkonkludi li l-kawza ta' spoll giet fil-fatt prezentata entro t-terminu ta' xaharejn impost mil-Ligi. Fil-fatt jirrizulta mill-ittra tal-Avukat tal-konvenut datata 29 ta' Awissu 2013 a fol. 322 tal-process li certament sa dak in-nhar ir-raba' in kwistjoni kienet ghadha okkupata mill-atturi u li ghalhekk ma kinitx ghadha giet mahruta fuq ordni tal-konvenut tant illi fl-istess ittra qed jinghad li l-konvenut kien ghadu ser jidhol fl-ghalqa in kwistjoni. Il-kawza ta ' spoll saret fit-28 ta' Ottubru, 2013 cioe' sahansitra entro xaharejn mill-ittra tad-29 ta' Awissu 2013. Huwa ghalhekk evidenti li l-att spoljattiv sar bejn l-ittra tad-29 ta' Awissu 2013 u dak in-nhar li sar ir-rapport mal-Pulizija cioe' fis-17 ta' Settembru, 2013. L-istess Joseph Bugeja maghruf bhala 'il-Masiku' meta mistoqsi mill-Pulizija jghid li l-ghada li huwa kien harat ir-raba' kelmitu l-attrici biex ma jergax jidhol fl-ghalqa. Minn dan jirrizulta li l-att spoljattiv sehh fis-16 ta' Settembru, 2013 u l-ghada fis-17 ta' Settembru, 2013 indunaw l-atturi kif jirrizulta wkoll mill-bqija tal-provi u dak in-nhar stess kellmu lill-istess Joseph Bugeja u sar ir-rapport mal-Pulizija. Minn dan kollu jirrizulta ghalhekk li ma hemmx ombra ta' dubju li l-kawza giet intavolata entro t-terminu tax-xaharejn impost mill-ligi.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost u l-atti kollha tal-kaz, din il-Qorti tqis li l-atturi rnexxielhom jippruvaw lil din il-Qorti l-elementi kollha neccessarji ghas-success tal-kawza ta' spoll u ghalhekk it-talbiet taghhom jisthoqq li jigu milqugha.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

(i) tiddikjara li l-konvenut Emanuel Stellini ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-atturi Angelo Bugeja u martu Carmen Bugeja billi qabbad lil terza persuna biex jidhol fl-ghalqa detenuta u mahduma mill-atturi konsistenti f'zewgt ihbula mir-raba' f'Qasam San Gorg (fil-limiti tar-Rabat u ta' Santa Lucija, Ghawdex) ta' kejl superficjali ta' ftit inqas minn tomnejn u harat l-imsemmija ghalqa;

(ii) stante illi ma jirrizultax lil din il-Qorti li huwa possibbli li realistikament il-konvenut jirripristina r-raba' in kwistjoni ghall-*istatus quo ante* in vista li kulma sehh kien li tressqu xi 'pellets' tal-injam u gew distrutti xi pjanti tat-tadam li kienu waslu fl-ahhar taghhom, tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien massimu ta' ghoxrin gurnata mid-data ta' din id-decizjoni jivvaka mill-imsemmija raba' u jirrimetti l-pussess tal-istess a favur tal-atturi Angelo Bugeja u Carmen Bugeja.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------